EBA/GL/2023/05

13.06.2023

# Linji gwida li jemendaw il-Linji Gwida EBA/GL/2022/01 dwar it-titjib tar-riżolvibbiltà għall-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva 2014/59/UE (Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà) biex tiġi introdotta taqsima ġdida li tikkonċerna l-ittestjar tar-riżolvibbiltà

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

## L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-UE għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 25.10.2023. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/05". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jemendaw il-Linji Gwida dwar it-titjib tar-riżolvibbiltà għall-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva 2014/59/UE tat-13 ta' Jannar 2022 (EBA/GL/2022/01)[2] ("il-Linji Gwida").

6. Id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida li mhumiex emendati minn dawn il-linji gwida jibqgħu fis-seħħ u jkomplu japplikaw.

# 3. Data ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

# 4. Emendi tal-Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà[3]

8. Il-paragrafu 5 tal-Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà huwa emendat kif ġej:

"5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw, wara li kkunsidraw l-Artikoli 10(5) u 11(1) tad-Direttiva (UE) 2014/59[4], l-azzjonijiet speċifiċi għall-għodda tar-riżoluzzjoni li l-istituzzjonijiet inklużi l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ("istituzzjonijiet"), u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jieħdu biex itejbu r-riżolvibbiltà tal-istituzzjonijiet, il-gruppi u l-gruppi ta' riżoluzzjoni

[2] https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/recovery-and-resolution/guidelines-institutions-and-resolution-authorities-improving-resolvability

[3] Linji gwida EBA/GL/2022/01 dwar it-titjib tar-riżolvibbiltà għall-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva 2014/59/UE (Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà).

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173 12.6.2014, p. 190).

fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 15 u 16 ta' dik id-Direttiva."

9. Il-paragrafu 7 tal-Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà huwa emendat kif ġej:

"7. Dawn il-linji gwida ma japplikawx għal istituzzjonijiet li l-pjan ta' riżoluzzjoni tagħhom, jew il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp li fih jappartjenu, jipprevedi li għandhom jiġu stralċati b'mod ordnat f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli. F'każ ta' bidla fl-istrateġija, b'mod partikolari minn likwidazzjoni għal riżoluzzjoni, il-linji gwida japplikaw mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tal-approvazzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni bl-istrateġija l-ġdida ta' riżoluzzjoni, bl-eċċezzjoni tat-taqsima 4.6, li tapplika mhux aktar tard minn sena minn dik id-data."

10. Il-paragrafu 10 tal-Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà huwa emendat kif ġej:

"10. Għall-istituzzjonijiet li huma parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE, il-linji gwida japplikaw fuq il-livell ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni u, fejn ikun rilevanti, fuq il-livell individwali wkoll. It-taqsima 4.6 u t-taqsima 4.7 japplikaw ukoll fuq il-livell ta' sussidjarji transfruntiera li huma entitajiet mhux ta' riżoluzzjoni, fejn ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli kif stabbilit fl-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE jaqbeż l-ammont suffiċjenti biex jassorbi t-telf f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 45c(2) ta' dik id-Direttiva.

11. It-titolu tat-taqsima 3 tal-Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà huwa emendat kif ġej:

"3. Implimentazzjoni u dispożizzjonijiet tranżitorji"

12. Wara l-paragrafu 13 tal-Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà, jiżdiedu l-paragrafi ġodda 13a, 13b u 13c kif ġej:

"13a. L-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni l-ewwel rapport ta' awtovalutazzjoni msemmi fil-paragrafu 124 sal-31 ta' Diċembru 2024.

13b. B'deroga mill-paragrafu 132, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw l-ewwel programm tal-ittestjar tar-riżolvibbiltà msemmi fil-paragrafu 130 sal-31 ta' Diċembru 2025.

13c. L-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 138 għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni l-ewwel master playbook imsemmi f'dak il-paragrafu, sal-31 ta' Diċembru 2025."

13. Il-paragrafu 56, is-subparagrafu (e), huwa emendat kif ġej:

"e. jiġu approvati r-riżultati ewlenin u jiġu żgurati arranġamenti ta' delega adegwati f'dan ir-rigward, bħala parti mill-mekkaniżmi xierqa ta' kontroll u assigurazzjoni interni (bħall-mudelli ta' rappurtar tar-riżoluzzjoni u r-rapport ta' awtovalutazzjoni);".

14. Wara t-taqsima 4.5, it-taqsimiet ġodda 4.6, 4.7 u 4.8 bil-paragrafi 124 sa 129, 130 sa 137 u 138 sa 142, rispettivament, jiddaħħlu fil-Linji Gwida kif ġej:

## 4.6. Rapport ta' awtovalutazzjoni

124. L-istituzzjonijiet għandhom tal-anqas kull sentejn iħejju u jissottomettu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti rapport, fejn jivvalutaw huma stess jekk jissodisfawx, u sa liema punt, il-kapaċitajiet stabbiliti fit-taqsimiet 4.1 sa 4.5 u 4.8 ta' dawn il-linji gwida, u fit-taqsimiet 4 u 5 tal-Linji Gwida dwar it-trasferibbiltà biex tikkomplementa l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà għall-istrateġiji ta' trasferiment (Linji Gwida dwar it-Trasferibbiltà)[5], u b'kont meħud ta' kwalunkwe feedback riċevut mill-awtoritajiet fi żmien is-sentejn, inklużi fost l-oħrajn l-elementi li ġejjin:

a. Il-grad li fih tiġi ssodisfata l-kapaċità (baxx, medju, għoli, mhux applikabbli);

b. Deskrizzjoni ta' kif tiġi ssodisfata l-kapaċità jew għalfejn titqies mhux applikabbli skont il-punt a;

c. Valutazzjoni tal-lakuni fil-kapaċitajiet ta' riżolvibbiltà kif stabbilit f'dawn il-linji gwida u dawk tal-istituzzjoni, dwar kif dawn il-lakuni jistgħu jiġu indirizzata u sa meta;

d. Deskrizzjoni ta' kif il-kapaċità hija inkorporata f'sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu (BAU);

e. Deskrizzjoni ta' kif il-kapaċità tirrelata mal-ippjanar ta' rkupru tal-istituzzjoni (eż. il-kontinwità operazzjonali fl-arranġamenti ta' riżoluzzjoni tappoġġa wkoll l-għażliet ta' rkupru bħal disponimenti, jew arranġamenti ta' rkupru huma ingranati biex jappoġġaw ir-riżoluzzjoni);

f. Kwalunkwe valutazzjoni interna jew esterna mwettqa dwar kif dawn il-linji gwida ġew applikati mill-istituzzjoni, inklużi rapporti tal-awditjar interni jew esterni, valutazzjonijiet ta' konsulenti esterni, sessjonijiet ta' prattika jew rieżamijiet superviżorji;

g. Kwalunkwe suġġett addizzjonali stabbilit mill-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti (eż. tagħlimiet meħuda minn tnaqqis reċenti jew avveniment tas-suq).

125. Fis-sommarju eżekuttiv tal-awtovalutazzjoni tagħhom stabbilit fil-paragrafu 124, l-istituzzjonijiet għandhom:

[5] Linji gwida EBA/GL/2022/11 għall-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni dwar it-trasferibbiltà biex tikkomplementa l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà għall-istrateġiji ta' trasferiment (Linji Gwida dwar it-Trasferibbiltà).

a. jistabbilixxu l-fehim tagħhom tal-istrateġija ta’ riżoluzzjoni kif identifikata mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni, u tar-rwol tagħhom u dak tal-awtorità(jiet) fl-eżekuzzjoni ta’ dik l-istrateġija;

b. jiddeskrivu l-qafas tal-ittestjar u tal-assigurazzjoni tagħhom li jippermettilhom jiżguraw il-kapaċità tagħhom li jappoġġaw l-eżekuzzjoni tal-istrateġija ta’ riżoluzzjoni fuq bażi kontinwa;

c. jiġbru fil-qosor l-awtovalutazzjoni tagħhom skont l-oqsma ewlenin ta’ riżolvibbiltà kif ġej:

   i. Governanza;

   ii. Kontinwità operazzjonali fir-riżoluzzjoni (OCIR) u aċċess għall-FMI[6];

   iii. Kapaċità ta’ assorbiment tat-telf u ta’ rikapitalizzazzjoni;

   iv. Likwidità u finanzjament fir-riżoluzzjoni;

   v. MIS[7];

   vi. Komunikazzjoni;

   vii. Trasferibbiltà u ristrutturar.

126. Ir-rapporti għandhom jiġu sottomessi mill-istituzzjonijiet lill-awtorità ta’ riżoluzzjoni mill-inqas kull sentejn. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess sal-31 ta’ Diċembru 2024.

127. Fil-kuntest ta’ gruppi ta’ riżoluzzjoni transfruntiera, ir-rapport ta’ awtovalutazzjoni għandu jew jiġi rrapportat mill-entità ta’ riżoluzzjoni lill-awtorità ta’ riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp (jew l-awtorità ta’ riżoluzzjoni rilevanti fil-każ ta’ strateġija MPE) jew mill-entità mhux ta’ riżoluzzjoni lill-awtorità lokali ta’ riżoluzzjoni.

128. Meta tiġi prodotta, l-awtovalutazzjoni tal-entità mhux ta’ riżoluzzjoni għandha tiġi żviluppata fuq il-bażi tal-istrateġija ta’ riżoluzzjoni tal-grupp u f’koordinazzjoni mal-entità ta’ riżoluzzjoni.

129. Għall-fini tar-rapport ta’ awtovalutazzjoni msemmi fil-paragrafu 124, l-istituzzjonijiet għandhom isegwu l-format ipprovdut mill-awtorità ta’ riżoluzzjoni tagħhom.

## 4.7. Programm tal-ittestjar pluriennali

[6] Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju.

[7] Sistemi ta’ informazzjoni maniġerjali.

130. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom, wara li jikkunsidraw ir-rapport ta' awtovalutazzjoni msemmi fit-taqsima 4.6, u b'mod partikolari l-elementi mitluba taħt 124 (d-f), jadottaw programm pluriennali tal-ittestjar tar-riżolvibbiltà għall-istituzzjonijiet skont il-mandat tagħhom. Il-programm għandu jinkludi l-kapaċitajiet kollha stabbiliti f'dawn il-linji gwida u l-Linji Gwida dwar it-Trasferibbiltà tal-EBA[8].

131. Dan għandu jkopri perjodu ta' tliet snin (l-aħħar tnejn huma indikattivi) biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jottimizzaw l-isforzi tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni tagħhom. Dan għandu jiġi aġġornat/ikkonfermat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni kull sena. L-eżitu tar-rieżami annwali tiegħu għandu jiġi nnotifikat lill-istituzzjonijiet mingħajr dewmien żejjed.

132. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw lill-istituzzjonijiet il-programm tal-ittestjar tar-riżolvibbiltà msemmi fil-paragrafu 130 u l-aġġornamenti jew il-konfermi annwali tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 131, mhux aktar tard mis-sommarju tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà skont l-Artikolu 10(7)(a) tad-Direttiva 2014/59/UE.

133. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom, wara li jikkunsidraw il-lista mhux eżawrjenti stabbilita fl-Anness 4, jistabbilixxu fil-programm tal-ittestjar tar-riżolvibbiltà (imsemmi fil-paragrafu 130) il-firxa ta' valutazzjonijiet, testijiet, metodoloġiji, prattiki u għodod li beħsiebhom jużaw sabiex jittestjaw l-adegwatezza tal-arranġamenti stabbiliti mill-istituzzjonijiet biex jappoġġaw l-eżekuzzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tagħhom.

134. Meta jikkunsidraw l-għażla tat-tekniki tal-ittestjar fil-programm tal-ittestjar tar-riżolvibbiltà tagħhom stabbilit fil-paragrafu 130, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom isegwu approċċ ibbażat fuq ir-riskju abbażi tal-profil tar-riskju, id-daqs u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjonijiet (eż. kategorizzazzjoni SREP[9]), u l-punteġġ SREP globali[10] u jikkunsidraw dan li ġej:

a. Il-progress dwar ir-riżolvibbiltà / il-grad sa fejn jiġu ssodisfati l-kapaċitajiet ta' riżolvibbiltà stabbiliti f'dawn il-linji gwida; u

b. Il-kwalità globali tal-ħidma ta' assigurazzjoni tar-riżolvibbiltà interna evidenzjata fir-rapport ta' awtovalutazzjoni.

135. Fil-kuntest tal-gruppi ta' riżoluzzjoni transfruntiera, il-programm pluriennali tal-ittestjar tar-riżolvibbiltà għandu jiġi diskuss bejn l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni tas-sussidjarji li huma soġġetti għal dawn il-linji gwida.

136. Fil-każ ta' gruppi transfruntiera, il-programm tal-ittestjar pluriennali tar-riżolvibbiltà ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni, inklużi t-testijiet previsti fih, għandu jitwettaq jew mill-awtorità ta'

[8] EBA/GL/2022/11.

[9] "Kategorizzazzjoni SREP" tfisser l-indikatur tal-importanza sistemika assenjata tal-istituzzjoni bbażata fuq id-daqs tal-istituzzjoni u l-kumplessità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tagħha. Ara wkoll it-taqsima 2.1.1 tal-Linji Gwida riveduti tal-EBA dwar is-SREP (EBA/GL/2022/03).

[10] Ara d-definizzjoni fil-Linji Gwida riveduti tal-EBA dwar is-SREP(EBA/GL/2022/03) p. 21. "Punteġġ SREP globali" tfisser l-indikatur numeriku tar-riskju globali għall-vijabbiltà tal-istituzzjoni bbażat fuq il-valutazzjoni SREP globali.

riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni jew mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ospitanti f'koordinazzjoni mal-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni – kif maqbul bejniethom.

137. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkondividu, mal-istituzzjoni u, fil-każ ta' grupp transfruntier, mill-inqas mal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, ir-riżultati ta' kwalunkwe test imwettaq f'konformità mal-programm tal-ittestjar tar-riżolvibbiltà msemmi fil-paragrafu 130.

## 4.8. Master playbook

138. L-impriża omm tal-Unjoni u l-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' grupp ta' riżoluzzjoni li jew huma soġġetti għall-Artikolu 92a jew 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew li għandhom assi totali fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni li jaqbżu l-EUR 100 biljun, u dawk innominati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti li mhumiex soġġetti għall-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li huma parti minn grupp ta' riżoluzzjoni li l-assi totali tiegħu huma inqas minn EUR 100 biljun iżda li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun ivvalutat bħala raġonevolment probabbli li joħolqu riskju sistemiku fil-każ tal-falliment tiegħu f'konformità mal-Artikolu 45c (6) tad-Direttiva 2014/59/UE, għandhom jiżviluppaw master playbook.

139. Il-master playbook għandu jintalab minn istituzzjonijiet oħra għajr dawk innominati fil-paragrafu 138 meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tivvaluta li dan huwa ġġustifikat mill-kumplessità tal-organizzazzjoni u l-ħtieġa konsegwenti għal livell għoli ta' koordinazzjoni tal-kapaċitajiet ta' riżolvibbiltà.

140. Il-master playbook għandu[11]:

a. jiddefinixxi r-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-maniġment superjuri fit-tħejjija għal u matul ir-riżoluzzjoni;

b. jistabbilixxi l-kwistjoni u l-perjodi ta' żmien li fuqhom għandhom jittieħdu d-deċiżjonijiet mill-maniġment fit-tħejjija u fir-riżoluzzjoni;

c. jistabbilixxi l-iskattaturi għall-attivazzjoni tas-subplaybooks (playbook tar-rikapitalizzazzjoni interna, playbook tat-trasferiment, pjanijiet ta' kontinġenza għall-aċċess għall-FMI, komunikazzjoni);

d. jistabbilixxi s-sors, l-iskadenzi u l-format tas-sorsi ta' informazzjoni li se jappoġġaw dawn id-deċiżjonijiet mill-bord;

e. juru kif id-diversi elementi tal-eżekuzzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni jinteraġixxu ma' xulxin u, b'mod partikolari, dan li ġej:

   i. Eżekuzzjoni tar-rikapitalizzazzjoni interna (playbook tar-rikapitalizzazzjoni interna);

[11] L-Anness 5 jipprovdi deskrizzjoni ta' livell għoli tal-arkitettura tal-master playbook.

ii. Playbook tat-trasferiment (fejn rilevanti);

iii. Valutazzjoni;

iv. Finanzjament u likwidità fir-riżoluzzjoni (inkluż il-monitoraġġ tal-kollateral / il-finanzjament fl-istrateġija ta’ riżoluzzjoni);

v. Aċċess għall-FMI (inklużi pjanijiet ta’ kontinġenza);

vi. Kontinwità operazzjonali (inkluż il-katalgu tas-servizz);

vii. Pjan tar-Riorganizzazzjoni tan-Negozju.

141. L-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw il-playbooks prinċipali tagħhom mill-inqas darba fis-sena jew wara bidla fl-istruttura legali jew organizzazzjonali tagħhom jew bidla fil-kundizzjonijiet operazzjonali jew finanzjarji tagħhom li jista’ jkollha effett materjali fuq, jew teħtieġ bidla fil-master playbook. L-eżitu tar-rieżami annwali tiegħu għandu jiġi nnotifikat lill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed.

142. Wara l-Anness 3 tal-Linji Gwida dwar ir-Riżolvibbiltà, l-Annessi 4 u 5 jiddaħħlu kif ġej:

# Anness 4 – lista mhux komprensiva ta' metodi disponibbli jew għall-istituzzjonijiet għax-xogħol ta' assigurazzjoni tagħhom jew għall-awtoritajiet għall-ittestjar

| | | |
|---|---|---|
| a. | Awtoċertifikazzjoni | Meta l-istituzzjoni tiċċertifika hija stess il-konformità tagħha ma' regola. |
| b. | Awtovalutazzjoni | Awtovalutazzjoni hija l-valutazzjoni mill-istituzzjoni tal-kapaċitajiet proprja tagħha biex twettaq il-kompiti mitluba fil-ħin u biex tissodisfa l-kwalità mistennija. L-awtovalutazzjoni tassumi rieżami tal-proċessi u l-proċeduri eżistenti, u potenzjalment rieżami tat-tagħlimiet meħuda minn sitwazzjonijiet ta' stress tal-passat. Awtovalutazzjoni tirriżulta f'analiżi tal-lakuni bejn il-kapaċitajiet tal-istituzzjoni u l-aspettattivi tal-awtorità. |
| c. | Ditta li tikkondividi r-riżultati tas-sistemi tagħha jew l-ittestjar intern permezz ta' dimostrazzjonijiet lill-awtoritajiet / mill-bidu sal-aħħar | "Test mill-bidu sal-aħħar" jittraċċa operazzjoni pass pass permezz tal-MIS jew proċeduri mill-bidu tiegħu sad-dispożizzjoni finali. |
| d. | Taħriġ kontra n-nirien | Kontroll tal-plawżibbiltà orjentat lejn il-proċess, iffukat u flessibbli ta' passi magħżula fi playbook. |

| | | |
|---|---|---|
| e. | Sessjoni ta' prattika | Sessjonijiet ta' prattika huma eżerċizzji ta' simulazzjoni fil-ħajja reali fejn l-istituzzjonijiet jittestjaw partijiet (magħżula) tal-elementi identifikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni abbażi ta' avveniment ta' kriżi tat-test, u jidentifikaw oqsma għal titjib biex jiżguraw li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tista' tiġi implimentata b'mod effettiv u f'waqtu. |
| f. | Eżerċizzju desktop | Stadju inizjali biex jittejbu l-playbooks u jiġu żgurati l-istandardizzazzjoni, il-konsistenza u l-allinjament mar-rekwiżiti għad-dokumentazzjoni tal-proċessi ewlenin permezz ta' passi individwali, inkluż it-twaqqit, ir-responsabbiltajiet u d-dipendenzi.<br><br>Ittestjar back-office fejn iċ-ċifri jiġu rikonċiljati bejn dokumenti differenti sabiex jiġu vvalutati l-preċiżjoni u l-affidabbiltà ta' sett ta' *data*. |
| g. | Awditjar intern | Rieżami tal-kapaċitajiet tar-riżolvibbiltà permezz ta' awditjar intern, bħala parti mill-ħidma tal-istituzzjoni biex tiżgura r-riżolvibbiltà kontinwa. |
| h. | Verifika indipendenti minn parti terza | Rieżami tal-kapaċitajiet tar-riżolvibbiltà minn espert estern. |
| i. | Rieżami approfondit | Rieżami approfondit dwar suġġett speċifiku mwettaq fil-bini tal-istituzzjoni fuq skeda ta' żmien predefinit. |
| j. | Spezzjoni fuq il-post | L-ispezzjonijiet fuq il-post huma investigazzjonijiet u ttestjar imwettqa mill-awtoritajiet b'kamp ta' applikazzjoni u b'perjodu ta' żmien predefiniti u jseħħu fil-bini tal-istituzzjonijiet. L-ispezzjonijiet għandhom ikunu intrużivi filwaqt li jaderixxu mal-prinċipju tal-proporzjonalità u jkollhom l-għan li jipprovdu stampa dettaljata tal-adegwatezza u l-eżekuzzjoni tal-proċessi. |

# Anness 5 — Master playbook

Arkitettura illustrattiva ta' livell għoli tal-master playbook:

